

**Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)**

6436/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0041(NLE)**

**JAI 261
COPEN 30
EPPO 1
GAF 3**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 69 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("I-UPPE")

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 69 final.

Mehmuż: COM(2025) 69 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.3.2025
COM(2025) 69 final

2025/0041 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017¹. L-UPPE assuma l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni mogħtija lilu b'dan ir-Regolament fl-1 ta' Ġunju 2021. L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371² u ddeterminati mir-Regolament (UE) 2017/1939. F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE jikkonsisti, fost l-oħrajn, mill-Kap Prosekutur Ewropew u mill-Prosekuturi Ewropej.

L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1939 jirregola l-ħatra u t-tkeċċija tal-Kap Prosekutur Ewropew, li jinħatar bi qbil komuni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-għażla hija bbażata fuq sejħa miftuħa għall-kandidati, li warajha bord tal-għażla jfassal lista mqassra ta' kandidati kwalifikati li għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi wkoll li l-Kunsill għandu jistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla fuq proposta mill-Kummissjoni.

Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill adotta, fuq proposta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla³, li sussegwentement ġew emendati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008⁴ u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/134⁵. Fis-17 ta' Jannar 2023, il-Kunsill ħatar il-membri tal-bord tal-għażla⁶.

Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħatru l-ewwel Kap Prosekutur Ewropew tal-UPPE⁷. F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, inħatar il-Kap Prosekutur Ewropew għal perjodu ta' seba' snin li ma jiġġeddidx mill-31 ta' Ottubru 2019. Il-Kap Prosekutur Ewropew għalhekk se jkollu jiġi sostitwit sa Ottubru 2026.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71.

² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29-41.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8-12.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008 tad-9 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, ĠU L 221, 10.7.2020, p. 1-2.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/134 tas-17 ta' Jannar 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 fir-rigward tal-użu ta' vidjokonferenzi għas-seduti ta' smigħ tal-kandidati, ĠU L 17, 19.1.2023, p. 92-93.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90-91.

⁷ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li taħtar il-Kap Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 274, 28.10.2019, p. 1-2.

F'konformità mar-Regola III tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla, il-Kummissjoni hija responsabbli għas-segretarjat tal-bord tal-għażla. Is-segretarjat jipprovdi l-appoġġ amministrattiv neċessarju għall-ħidma tal-bord tal-għażla, inkluża t-traduzzjoni tad-dokumenti. Ir-Regola V tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla tipprevedi li, hekk kif jaslu l-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew, is-segretarjat jenħtieġ li jibgħathom lill-membri kollha tal-bord tal-għażla.

F'konformità mar-Regola VI.1, malli jirċievi l-applikazzjonijiet tal-kandidati, jenħtieġ li l-bord tal-għażla jeżamina mill-ġdid tali applikazzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, kif speċifikat aktar fis-sejħa, jikklassifika l-kandidati u jisma' għadd suffiċjenti ta' kandidati bl-ogħla klassifikazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxi lista mqassra ta' kandidati. Is-Segretarjat jenħtieġ mbagħad jibgħat il-lista mqassra ta' kandidati kwalifikati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

La r-Regolament (UE) 2017/1939 u lanqas ir-regoli ta' ħidma ma jispeċifikaw liema awtorità hija responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew. Għal dan l-għan, hija xierqa kjarifika fir-Regola VI dwar il-proċedura għall-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew.

Għalhekk, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ċċarat li l-Kummissjoni, li hija responsabbli għas-segretarjat tal-bord tal-għażla, jenħtieġ li tkun responsabbli wkoll għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati. Ta' min jinnota li l-Kummissjoni ħejjiet u ppubblikat l-ewwel sejħa miftuħa għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew.

Minħabba li l-Kap Prosekutur Ewropew jinħatar b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni jenħtieġ tikkonsulta lil dawn iż-żewġ istituzzjonijiet, fil-livell xieraq, dwar l-abbozz tas-sejħa miftuħa qabel il-pubblikazzjoni tagħha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-UPPE ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 86 tat-TFUE. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta għal emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1008 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/134, il-Kummissjoni qed tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Din il-proposta se tippermetti t-twettiq tal-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew b'mod effiċjenti u tiċċara r-rwol tal-Kummissjoni f'tali proċeduri, filwaqt li tirrispetta l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Din il-proposta hija għalhekk konsistenti ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-emenda tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' ssir biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u għalhekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi proposti u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija essenzjali biex jiġu żgurati l-effettività u l-legalità tal-proċeduri tan-nomina u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla fuq proposta mill-Kummissjoni. Ir-regoli ta' ħidma ġew adottati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696. L-għażla tal-istrument propost hija għalhekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Minħabba n-natura teknika ta' din il-proposta u l-impatt limitat ħafna tagħha, ma twettqux evalwazzjonijiet ex post, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemm l-ebda ħtieġa għal pjanijiet ta' implimentazzjoni u monitoraġġ u lanqas għal arranġamenti ta' evalwazzjoni u rappurtar.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jemenda r-regoli ta' ħidma sabiex jiċċara li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fil-livell xieraq. Peress li r-regoli ta' ħidma attwali ma jispeċifikawx liema awtorità hija responsabbli għal dan l-għan, din l-emenda għandha l-għan li tiċċara dan il-pass importanti tal-proċedura tal-għażla u tal-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696⁹ stabbiliet ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla għall-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej.
- (2) Filwaqt li la r-Regolament (UE) 2017/1939 u lanqas ir-Regola VI tar-regoli ta' ħidma ma jispeċifikaw liema awtorità hija responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni kienet responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa miftuħa għall-kandidati, u tipprovdi s-segretarjat tal-bord tal-għażla, li jeżamina l-applikazzjonijiet.
- (3) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fil-livell xieraq.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 huwa emendat kif ġej:

Fir-Regola VI, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

⁸ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

⁹ ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8.

“Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f’konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-abbozz tas-sejħa, qabel l-adozzjoni tagħha, fil-livell xieraq. Malli jirċievi l-applikazzjonijiet tal-kandidati, il-bord tal-għażla għandu jeżamina mill-ġdid l-applikazzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, kif speċifikat ulterjorment mill-Kummissjoni fis-sejħa miftuħa għall-kandidati. Il-kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta’ eliġibbiltà għandhom jiġu esklużi mill-passi li jmiss tal-proċedura. Il-bord tal-għażla għandu jikklassifika lill-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, abbażi tad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni provduti fl-applikazzjoni jew mogħtija wara li ssir talba skont ir-Regola V. Il-bord tal-għażla għandu jisma’ għadd suffiċjenti ta’ kandidati minn fost l-ogħla klassifikati sabiex ikun jista’ jstabbilixxi l-lista ristretta msemmija fir-Regola VII(1). Is-seduta ta’ smiġh għandha ssir personalment jew, fuq deċiżjoni motivata tal-bord tal-għażla, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-kandidat, permezz ta’ vidjokonferenza. Qabel ma l-bord tal-għażla jiddeċiedi fuq inizjattiva tiegħu stess li jwettaq seduta ta’ smiġh permezz ta’ vidjokonferenza, huwa għandu jħalli lill-kandidat jesprimi l-fehmiet tiegħu.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	3
1.4.	Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':.....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-ażżjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' error (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.1.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat	12
3.2.1.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	17
3.2.2.	Output stmat ifffinanzjat minn appropriazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	24
3.2.3.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	24
3.2.3.3.	Total tal-appropriazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	25
3.2.4.1.	Ifffinanzjati mill-baġit ivvutat	25
3.2.4.2.	Ifffinanzjati minn dħul assenjat estern	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	30
4.2.	Data	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill biex tmenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ġustizzja

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Din il-proposta għandha bħala objettiv ewlieni li tiċċara l-proċedura għall-għażla u l-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew. B'mod speċifiku, għandu l-għan li jiċċara li l-Kummissjoni, li hija responsabbli għas-segretarjat tal-bord tal-għażla, se tkun responsabbli wkoll għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati. Dan se jipprovi ċarezza legali u peress li la r-Regolament (UE) 2017/1939 u lanqas ir-regoli ta' ħidma attwali ma jispeċifikaw liema awtorità hija responsabbli għal dan l-għan.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Biex jiġi ċarat li l-Kummissjoni hija responsabbli biex tabbozza, tadotta u tippubblika s-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-abbozzar, l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sejħa miftuħa għall-kandidati għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Mhux applikabbli

1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁰

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

¹⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Mhux applikabbli

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadjanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex-ante)

L-emenda tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' ssir biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u għalhekk hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (ex post)

Billi tiċċara l-proċedura, il-Kummissjoni se tkun tista' tabbozza, tadotta u tippubblika s-sejħa għal applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mhux applikabbli

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

1.6. **Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)¹¹**

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati)
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku
- ☐ lill-korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

¹¹ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Mhux applikabbli

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Mhux applikabbli

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Mhux applikabbli

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Mhux applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹²	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹³	mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali ¹⁴	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
		Diff.	LE	LE	LE	LE

¹² Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹³ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁴ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	
--	-------	--

DĠ: <.....>			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(2a)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁵							
Linja baġitarja		(3)					0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL QFP 2021-2027
			2024	2025	2026	2027	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

¹⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (not to be completed for decentralised agencies)

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l- objettivi u l- outputs			Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		Sena 2027		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ¹⁶	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁷ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		

¹⁶ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁷ Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

Subtotal għall-oġġettiv speċifiku Nru 2																
TOTALI																

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	Total għall-perjodu 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)¹⁸

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
• Persunal estern (PFTEs)				
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	0	0	0	0

¹⁸ Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7		0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7		0	0	0	0
TOTAL		0	0	0	0

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali*		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal			Mhux applikabbli	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)				

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021 - 2027
INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Mhux applikabbli

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP

Mhux applikabbli

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP

Mhux applikabbli

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

L-inizjattiva hija strettament limitata għal emenda mmirata tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla biex jiġi ċċarat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tkun responsabbli għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kap Prosekutur Ewropew f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din l-emenda mmirata ma għandha l-ebda rilevanza diġitali.

4.2. Data

Mhux applikabbli

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Mhux applikabbli

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Mhux applikabbli

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Mhux applikabbli